MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 91/2004

**Martin Spiteri**

**vs**

**Raymond Grech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Rifuzjoni ta’ depozitu ta’ prezz mhallsa mill-attur ghax-xiri ta’ Fireplace li rrizulta difettuz.

Bl-ispejejz inkluzi dawk ta’ l-ittri legali datati 7 ta’ Awwissu 2004 u 27 ta’ Awwissu 2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz fl-4 ta’ Novembru 2004;

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-lum;

Billi ghalkemm notifikat regolarment u msejjah tlett darbiet il-konvenut ma deherx;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas lill-attur tas-somma ta' LM150 ammont ta' rifuzjoni ta' depositu ta' prezz imhallas mill-attur ghax-xiri ta' fireplace li rrizulta difettuz bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tas-7 t'Awwissu 2004 u 27 t'Awwissu 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------